# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 65/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Daniel Debono**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Daniel Debono**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 49898(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-12 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 19:26hrs f'Ħal Far Industrial Estate waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura IAA 845:

1. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;

2. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;

3. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż.

Il-Qorti ġiet mitluba li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' mitejn u ħamsin Euro (€250), skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmint (8) ijiem u mponiet tliet (3) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' Frar 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza hawn appellata fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Daniel Debono*** *mogħtija fit-8 ta' Frar 2022, u filwaqt li tikkonfermaha kwantu ġie liberat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni, tirriformaha, billi tilliberah ukoll mill-ewwel (1) akkuża, u fin-nuqqas li l-Qorti tilqa' l-aggravju, timponi piena aktar miti, ekwa u ġusta skont il-każ.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant hija tal-fehma li l-

ewwel tagħmel riferenza għal dak li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti ġew ippreżentati erba' affidavits ta' erba' uffiċjali tal-Pulizija fejn jingħad li fit-12 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tas-7.26pm waqt li kienet qed issir ronda ġewwa l-Qasam Industrijali ta' Ħal Far, B'Bugia ġiet innutata vettura li kienet qed tiġi misjuqa b'mod perikoluż, traskurat u bla kont u jingħad li kienet qed tiddriftja. Jingħad li fil-vettura kien hemm l-appellant li telaq minn fuq il-post u li mbagħad ġie mwaqqaf. Da parte tiegħu l-appellant xehed li dakinhar tal-akkadut kienet ix-xita u waqt li kien qed isuq ħarġitlu vettura minn ġo triq fejn qal li *"qisni inħsadt ftit"* (*a fol.* 65) u qal li bbrekja u li l-vettura *"qisha bejn illokjatli t-tyres [...], ħasditni lili [...]"* (*a fol.* 65).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta'**

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel erba' aggravji tal-appellant ser jiġu kkunsidrati flimkien. Fihom l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issibu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u dan peress illi l-att tiegħu la kien jikkonsisti fi *drifting* u lanqas f'sewqan traskurat. Jilmenta li fl-affidavits tal-Pulizija, il-Pulizija taw opinjoni ta' dak li huma raw u jisħaq li Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix għal *drifting*. Jisħaq li fl-affidavits tagħhom il-Pulizija ma speċifikawx il-manjiera tas-sewqan u jsostni li minkejja li huwa seta' jeżerċita d-dritt tas-silenzju, huwa xorta għażel li jiddeponi. Jgħid ukoll li dakinhar tal-akkadut ma kienx qed jiddriftja iżda kien biss qed jipprova l-vettura tiegħu f'lokalita' *ossia* f'parkeġġ fejn ma kien hemm la nies u lanqas vetturi oħra fil-viċinanzi. Jgħid li kien qed jipprova t-*tyres* tal-vettura u li kien ix-xahar ta' Jannar u li kien bil-lejl u li dan is-sewqan żgur ma jammontax għal sewqan traskurat.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Andre Apap** (Numru 400/2010) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) ingħad:

---

**Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

"**Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minhabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. **Sewqan perikoluż** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara **The Police vs. Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)"."

Illi din il-Qorti tinnota li fl-affidavits tagħhom l-uffiċjali tal-Pulizija speċifikaw li l-appellant kien qed jiddriftja. Filwaqt li l-Qorti tinnota li huwa minnu li l-affidavits tal-Pulizija huma simili ħafna għal xulxin jekk mhux addirittura identiċi pero' dan bħala stat ta' fatt ma jfissirx li dak li ngħad fihom ma huwiex veru. Apparti minn dan, l-erba' uffiċjali tal-Pulizija qalu dak li raw b'għajnejhom u qalu li l-vettura tal-appellant kienet qed tiddriftja. Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant setgħa jsejjaħ lill-uffiċjali tal-Pulizija sabiex isirilhom kontro-eżami. Jirriżulta li dan ma għamlux fuq għażla tiegħu kif *del resto* jgħodd ukoll rigward il-fatt li kellu għażla li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti u minkejja dan huwa xorta għażel li jixhed.

Illi ma tantx huwa meħtieġ xi għerf partikolari biex wieħed ikun jaf xi tfisser meta jingħad li vettura tkun qed tiddriftja.[2] L-appellant inniffsu quddiem l-Ewwel Qorti xehed li t-*tyres* ġew illokjati. Din il-Qorti ma temminx il-verżjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti u ma temminx anqas lill-appellant meta qal li kien qed jipprova t-*tyres* tal-vettura u dana stante li tqies li l-verżjoni hekk kif mogħtija mill-erba' uffiċjali tal-Pulizija fl-affidavits tagħhom hija waħda konsistenti u kredibbli. Din il-Qorti ma għandhiex twarrab il-verżjoni mogħtija mill-erba' uffiċjali tal-Pulizija peress li tenut kont ta' dak li ngħad minnhom u ta' dak li qal l-appellant meta xehed, il-verżjoni mogħtija mill-appellant mhux ta' min wieħed jemminha. Dan jingħad aktar u aktar meta jirriżulta li l-appellant telaq minn fuq il-post u li ġie mwaqqaf aktar tard.

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati biss talli kien qed isuq bi traskuraġni pero' ma sabitux ħati ta' sweqan b'nuqqas ta' kont jew b'mod perikoluż. Għandu jingħad li s-sewqan għandu jkun **<u>dejjem</u>** b'mod diliġenti u dan irrilevanti jekk is-sewqan ikunx qiegħed isir fix-xahar ta' Jannar u bil-lejl kif isemmi l-appellant. Din il-Qorti tinnota li s-sewqan tal-appellant dakinhar tal-akkadut

[2] Minn tfittxija ħafifa fuq sit elettroniku ta' x'jitfisser bil-kliem *"drifting in a car"* jirriżulta s-segwenti: *"Drifting is a driving manoeuvre where the driver of car intentionally steers too much, causing the car's rear tyres, or sometimes all the tyres, to lose their grip on the road. Drifting is the driver's way of squeezing thrill from a very unusual and unsafe driving manoeuvre."*

ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sewqan b'nuqqas ta' kont jew b'mod perikoluż. Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati tagħha mill-Ewwel Qorti u ċioè dik ta' sewqan bi traskuraġni. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li ġialadarba rriżulta li l-appellant kien qed jiddriftja li huwa kien qed isuq b'mod traskurat. Anke fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nikolai Bondin** (Numru 90/2018) din il-Qorti diversament preseduta kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant f'dak il-każ kien qed jiddriftja wkoll.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq l-ewwel erba' aggravji tal-appellant qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-<u>ħames aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li fl-eventwalita' li din il-Qorti temmen li l-appellant kien qiegħed jiddriftja u li tali *drifting* kien jammonta għal sewqan neġliġenti talab li din il-Qorti timponi piena aktar miti fiċ-ċirkostanzi.

Illi huwa paċifiku li din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti jekk taqa' fil-parametri stabbiliti mil-liġi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia** (Numru 447/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*[3]."

[3] **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, deċiża nhar il-25 ta' Awwissu 2005.

Illi in segwitu tas-sejbien ta' ħtija tal-appellant fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu, l-Ewwel Qorti kkundannatu jħallas multa ta' mitejn u ħamsin Euro (€250), skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmint (8) ijiem u mponiet tliet (3) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan. Din il-Qorti bl-ebda mod ma tqis din il-piena bħala waħda *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"* u dana b'mod partikolari minħabba li l-appellant seta' jeħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn Euro (€1,200) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sena b'dan illi ż-żmien li l-appellant ġie skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb l-liċenzja tas-sewqan huwa proprju fil-minimu stabbilit fil-liġi. B'hekk tenut kont ta' dak kollu li ngħad fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti qed tiċħad il-ħames aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Daniel Debono u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**